# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO – AĠENT PRESIDENT**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Fl-atti tal-kontro-mandat ta' sekwestru numru 414/2018**
**wara l-mandat kawtelatorju ta'**
**sekwestru numru 708/2016 fl-ismijiet:**

***Liquigas Malta Limited***

***v.***

***Easygas Malta Limited***

Il-qorti:

1. reġgħet rat ir-rikors ta' *Easygas Malta Limited* ["*Easygas*"] tal-1 ta' Novembru 2019 u rat it-tweġiba ta' *Liquigas Malta Limited* ["*Liquigas*"] tat-18 ta' Novembru; rat ukoll l-atti relativi u d-dokumenti esebiti mill-partijiet;

2. tqis illi ma jistax jingħad illi f'dan l-istadju – bla ħsara għal dak illi sejjer jirriżulta waqt is-smigħ tal-appell – il-pretensjoni ta' *Liquigas* ma hijiex, għall-inqas *prima facie*, ġustifikata, peress illi ġà hemm sentenza fuq il-pretensjoni kawtelata (rikors maħluf numru 207/2011) mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Ottubru 2015 illi ikkundannat lil *Easygas* tħallas lil *Liquigas* ħames mija u tmienja u sebgħin elf, seba' mija u ħmistax-il euro (€578,715), *oltre* mgħax u spejjeż, li ġà huwa ferm aktar mis-somma kawtelata bil-garanzija bankarja maħruġa wara l-mandat;

3. tqis ukoll illi fiċ-ċirkostanzi *Liquigas* għandha jedd bil-liġi illi tikkawtela l-pretensjoni tagħha bil-ħruġ ta' atti kawtelatorji "taħt ir-responsabbilità tagħha";
4. tqis ukoll illi l-garanziji li toffri *Easygas* fir-rikors tagħha ma għandhomx il-grad ta' likwidità li tagħti garanzija bankarja;
5. tqis ukoll illi jekk is-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja ta' *Easygas* hija tajba daqskemm tgħid fir-rikors u daqskemm jixhdu d-dokumenti minnha esebiti, il-garanzija ma hijiex sejra titfa' fuqha piż li ma tifilħux jew ixxekkel il-kompetizzjoni bejnha u *Liquigas*.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hija tal-fehma illi ma huwiex il-każ illi l-garanzija ma tibqax fis-seħħ. Għalhekk tiċħad it-talbiet magħmula fir-rikors tal-1 ta' Novembru 2019.

L-ispejjeż ikunu regolati skond l-eżitu finali tal-kawża dwar il-pretensjoni ta' *Liquigas*.

Dan id-dikriet ingħata *in camera* llum it-Tlieta 4 ta' Frar 2020.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |